32006R0635

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 635/2006

tal-25 ta' April 2006

li jirrevoka r-Regolament (KEE) Nru 1251/70 dwar id-dritt tal-ħaddiema li jibqgħu fit-territorju ta' Stat Membru wara li kienu impjegati f'dak l-Istat

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 39 (3)(d) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE [1], għaqqdet f'test uniku l-leġiżlazzjoni dwar iċ-ċirkolazzjoni ħielsa taċ-ċittadini ta' l-Unjoni. Fl-Artikolu 17 tagħha, tieħu dak li hu essenzjali fid-dispożizzjoni tar-Regolament (KEE) dwar id-dritt tal-ħaddiema li jibqgħu fit-territorju ta' Stat Membru wara li kienu impjegati f'dak l-Istat [2], u temendahom billi tikkonferixxi fuq il-benefiċjarji tad-dritt ta' residenza, status aktar privileġġat, jiġifieri dak ta' residenza permanenti.

(2) huwa xieraq, għalhekk li r-Regolament (KEE) Nru 1251/70 jiġi revokat.

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 1251/70 huwa revokat b'effett mit-30 ta' April 2006.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar il-25 ta' April 2006.

Għall-Kummissjoni
Vladimir SPIDLA
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 158, 30.4. 2004, p. 77

[2] ĠU L 142, 30.6.1970, p. 24.